



Brussell, 25 ta' Frar 2021
(OR. en)

6500/21

EF 76
ECOFIN 177
SURE 7
SOC 101
DELACT 38

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 1134 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 24.2.2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 1134 final.

Mehmuż: C(2021) 1134 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2021
C(2021) 1134 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 24.2.2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

1.1. Sfond ġenerali

Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personalni pan-Ewropew (PEPP) jintroduċi qafas komplimentari tat-tfaddil għall-pensjoni personali madwar l-UE.

Il-popolazzjoni tal-UE qed tixxieħ. Fl-2060 għal kull persuna rtirata sejkun hemm medja ta' żewġ persuni fl-ettax-xogħol, meta mqabbel mal-erbgħha persuni tal-lum. Minħabba f'hekk, minkejja r-riformi importanti li saru minn bosta mill-Istati Membri tal-UE, is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjoni fl-Istati Membri sejkun taħt pressjoni dejjem akbar. B'mod partikolari s-sistemi tal-pensjoni li huma ġestiti mill-Istat digħi jinsabu taħt pressjoni.

Jeħtieġ li jsir aktar tfaddil biex l-introjti tal-irtirar mis-sistemi tal-pensjoni tradizzjonali li huma ġestiti mill-Istat jiġu kkomplementati b'pensjonijiet supplimentari. Għal dan il-għan, ir-Regolament dwar il-PEPP huwa kisba importante biex tīgi indirizzata d-diskrepanza fil-pensjonijiet u biex jinkiseb suq pan-Ewropew għal prodotti tal-pensjoni personali fi ħdan l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Lill-konsumaturi jagħtihom għażla addizzjonal li jfaddlu għal meta jirtiraw. Ir-Regolament dwar il-PEPP jibni l-pedament għal suq Ewropew tal-pensjonijiet personali billi jipprovd regoli standardizzati rigward il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħar-rekwiżiti ta' trasparenza, il-konsulenza, ir-regoli ta' investiment, id-dritt tal-bdil u t-tip tal-pagamenti.

1.2. GĦANIJET

F'konformità mar-Regolament dwar il-PEPP, dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jikseb l-għanijiet li ġejjin:

1. jissupplimenta r-Regolament dwar il-PEPP billi jispeċifika l-informazzjoni addizzjonal msemija fl-Artikolu 40, bil-għan li jkun hemm konverġenza tar-rapportar superviżorju sa fejn ikun xieraq.

1.3. SFOND ĠURIDIKU

Dan l-att jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personalni pan-Ewropew (PEPP) b'segwitu tal-bażi ġuridika għas-setgħa li nghatnat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 40(9) tiegħu.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan l-Att huwa bbażat fuq parir tekniku mogħti mill-EIOPA, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. Qabel ma ppreżentat il-parir tekniku lill-Kummissjoni, l-EIOPA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa bejn it-2 ta' Diċembru 2019 u t-2 ta' Marzu 2020. Qabel il-konsultazzjoni pubblika l-EIOPA rċeviet opinjonijiet konġunti miż-żewġ gruppi tal-partijiet interessati tagħha, il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (IRSG) u l-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (OPSG). Barra minn hekk, l-EIOPA ħolqot grupp konsultattiv ta' Praktikanti Esperti tal-PEPP biex jiddiskutu aspetti prattiċi tal-ideat żviluppati kif ukoll tal-fehmiet skambjati mal-OECD u mal-akkademiċi dwar pensjonijiet pendenti. Fl-24 ta' Frar 2020, l-EIOPA organizzat seduta pubblika fejn talbet il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati. L-EIOPA wettqet

ukoll analiżi kost-benefiċċi, li ġiet inkluża fir-rapport finali flimkien mal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika u mat-tweġibiet tal-EIOPA lill-partijiet ikkonċernati. Fl-14 ta' Awwissu 2020 l-EIOPA ppubblikat ir-rapport finali tagħha dwar il-parir tekniku li tat lill-Kummissjoni.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jispeċifika l-elementi supplimentari tar-reġim tal-PEPP li ma jimplikawx deċiżjonijiet strateġiċi jew għażliet ta' politika. Dawn jikkumplimentaw il-qafas ta' politika stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1238 b'aktar dettalji u kjarifiki għal dawk l-elementi koperti mill-awtonomizzazzjoni.

L-Artikolu 1 jispeċifika l-informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-konverġenza tar-rappurtar superviżorju li l-awtoritajiet li jrid isir mill-awtoritajiet kompetenti.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 24.2.2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)¹ u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(9),

Billi:

- (1) Il-fornituri ta' Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) huma soġġetti għal diversi leġiżlazzjonijiet settorjali nazzjonali fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u għar-rekwiżiti ta' rapportar settorjali korrispondenti fuq l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fosthom fuq l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Sabiex tīgi mmitigata l-possibbiltà ta' rekwiżiti ta' rappurtar nazzjonali sostanzjali, addizzjonali u diverġenti, jenħtieġ li jittieħed approċċ standardizzat fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni kif ukoll għall-informazzjoni prevista skont il-liġi settorjali rilevanti. Il-Kummissjoni stiednet lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tipprovd i gwida teknika.
- (2) Hemm il-bżonn ta' sett ta' informazzjoni standardizzat biex ikun hemm aktar komparabbiltà u effiċjenza u biex jiġi evitat rapportar doppju marbut mar-rekwiżiti ta' informazzjoni settorjali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 40(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għandha tħinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-fornitur tal-PEPP, fosthom tal-governanza tiegħu, għall-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-prodotti tal-PEPP;
- (b) deskrizzjoni tan-negozju tal-fornitur tal-PEPP fir-rigward tas-settur li l-fornitur tal-PEPP jopera fi, fosthom it-tip ta' investimenti li jagħmel u l-ġestjoni tagħhom, jekk l-investimenti jkunux attivi jew passivi, jekk jiġux offruti garanziji jew le, l-

¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1.

implimentazzjoni tat-tekniki tal-mitigazzjoni, id-daqs f'termini ta' kontribuzzjonijiet u valuri tal-assi, u lista li tinkludi l-Istat Membru ta' oriġini tal-fornitur tal-PEPP u kwalunkwe Membru Stat ospitanti tal-fornitur tal-PEPP;

- (c) informazzjoni dwar liema politiki se jiddaħħlu mill-fornituri tal-PEPP bil-miktub biex jindirizzaw ir-riskji rilevanti;
- (d) informazzjoni dwar il-prinċipi ta' valwazzjoni li jiġu applikabbi għall-finijiet tas-solvenza, fejn applikabbi;
- (e) ħarsa ġenerali lejn ir-riskji rilevanti li jappartjenu jew li huma marbuta mal-forniment tal-PEPP u kif il-fornitur tal-PEPP ikun biħsiebu jamministra dawk ir-riskji, fosthom ir-riskji finanzjarji u ta' likwiditā, iżda mhux dawn biss, ir-riskju tas-suq, ir-riskji ta' kreditu, ir-riskji ta' reputazzjoni u r-riskji relatati ma' fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza;
- (f) informazzjoni fir-rigward tal-istruttura kapitali tal-fornitur tal-PEPP, fosthom il-proporzjonijiet kapitali u l-livelli ta' ingranaġġ;
- (g) informazzjoni dwar kuntratti f'idejn fornitur tal-PEPP, jew rigward kuntratti ma' partijiet terzi, fosthom l-obbligi lejn il-faddala f'PEPP matul il-fażi ta' dekumulazzjoni, jew għall-forniment ta' subkontijiet tal-PEPP.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24.2.2021

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*